MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 368/2011

**Francis sive Frank Xuereb**
**(ID 456458M)**

**vs**

**Julia Xuereb**
**(ID 478983M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 3 ta' Novembru 2011 fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti tiddikjara li allegazzjonijiet maghmulha mill-intimata diversi drabi ma' terzi persuni illi l-attur kien abbuzivament u kontra l-volonta' ta' l-intimata, hataf jew seraq lill bintha minuri, Sophie-Anne Xuereb, kienu malafamanti u ingurjuzi fil-konfront tieghu u ghalhekk talab lill-Qorti tikkundanna lill-istess intimata ihallasha danni bhala rizultat ta' tali dikjarazzjoni malafamanti.

Rat ir-risposta ta' l-intimata ippresentata fl-14 ta' Frar 2012 fejn, prelimiarjament, eccepiet li r-rikorrenti kellu jindika carament l-azzjoni minnu ittentata peress illi intuzat id-dicitrua attribwibbli ghal-azzjoni kriminali a tenur ta' l-Artikolu 252(1) tal-Kap 9 filwaqt illi qed tintalab ukoll danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248. Preliminarjament ukoll, l-intimata eccepiet illi r-rikorrenti kellu jindika b'mod car x'kienu l-kliem illi huwa hassu ingurjat bihom. Sahqet ukoll, preliminarjament, illi kwalsiasi kliem illi seta intqal kien kopert bil-

privilegg peress illi intqal f'atti ta' proceduri ghal separazzjoni personali bejn l-intimata u t-tifel tar-rikorrenti.

Rat illi, fil-mertu, l-intimata cahdet dak allegat bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u sahqet li fid 9 ta' Jannar 2010, iben ir-rikorrenti, Michael Xuereb, kien hataf it-tifla Sophie-Anne Xuereb, illi kien ghad ghandha tlett gimghat, u hadha minghand l-intimata u zammha ghand ir-rikorrent, u minkejja rapport mal-Pulizjija u rikjesti ta' l-intimata sabiex ir-rikorrenti ihalliha tiehu lura t-tifla taghha Sophie-Anne Xuereb, huwa rrifjutat illi taghmel dan u halliha biss tara lit-tarbija taghha ftit fid-dar tieghu minghajr ma' tohrog l-istess tarbija, u dana kollu kontra l-volonta' ta' l-intimata.

Semghet ix-xhieda ta' **Francis Xuereb** moghtija fl-14 ta' Mejju 2012.

Semghet ix-xhieda in subizzjoni ta' **Julia Xuereb** moghtija fl-14 ta' Mejju 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Ingrid Vassallo**, social worker ma' l-agenzija Appgg moghtija fl-10 ta' Dicembru 2012.

Rat l-affidavit ta' **Maria Xuereb** ippresentat fl-10 ta' Dicembru 2012.

Rat l-affidavit ta' **Luisa Attard** ippreentat fl-10 ta' Dicembru 2012.

Semghet ix-xhieda ulterjuri tar-rikorrent, Francis Xuereb, moghtija fis 6 ta' Mejju 2013 flimkien ma' serje ta' ritratti minnu esebiti.

Rat illi fis 6 ta' Mejju 2013 ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Julie Xuereb** moghtija fil 31 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Simon Micallef Stafrace**, gia konsulent legali ta' l-intimata, moghtija fit 12 ta' Lulju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Leslie Lowell**, missier l-intimata, moghtija fit 8 ta' Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Marina Lowell**, omm l-intimata, moghtija fit 8 ta' Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Maria Xuereb**, moghtija fit 22 ta' Settembru 2014.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Frank Xuereb**, moghtija fit 22 ta' Settembru 2014.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Julie Xuereb**, moghtija fit 22 ta' Settembru 2014.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Ingrid Vassallo**, moghtija fis 6 ta' Novembru 2014.

Rat illi fis 6 ta' Novembru 2014 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat in-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrent ippresentat fil 25 ta' Novembru 2014.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna hija rizultat ta' proceduri ta' separazzjoni pendenti bejn l-intimata Julia Xuereb u it-tifel tar-rikorrenti, ossija Michael Daniel Xuereb, li qatt ma deher quddiem il-Qorti sabiex jixhed.

Mix-xhieda kollha prodotta mill-partijiet, jirrizulta illi l-intimata kelha tarbija fiz-zwieg illi hija kellha ma' Michael Xuereb, liema tarbija jisimha Sophie-Anne Xuereb.

Jirrizulta illi, wara t-twelid tat-tarbija, l-intimata u t-tifel tar-rikorrent bdew ghaddejjin minn diffikultajiet fiz-zwieg taghhom, tant illi eventwalment bdew proceduri ta' separazzjoni bejniethom

Jirrizulta illi fid 9 ta' Jannar 2010, meta t-tarbija kellha mhux aktar minn tlett gimghat, intqalghet tilwima bejn l-intimata u Michael Xuereb, li wassal lill Michael Xuereb jiehu t-tarbija mid-dar ta' l-intimata u jehodha ghand membri tal-familja tieghu.

Jirrizulta, skond ir-rapport illi l-istess intimata ghamlet mal-Pulizja, fid 9 ta' Jannar 2010, li dak li gara kien is-segwenti:

> *" Irrappurtat illum li aktar qabel ghal habta tat-8.00pm hija u zewgha Michael Xuereb kellhom argument bejniethom fid-dar tal-mama taghha fejn qed jghixu bhalissa li tinstab fi Triq id-Dris, Swieqi, u waqt dan l-argument, huwa qalilha li kien se johrog bit-tifla taghhom Sophie li ghandha tlett gimghat u x'hin hi qaltlu sabiex ihalli lit-tifla d-dar huwa mbuttaha bil-konsegwenza li hija waqghet ma' l-art. F'dan il-hin, hija girfitu go wiccu u hu qabad u telaq il barra bit-tifla. Kif rat hekk, hija cemplitlu fuq il-mobile phone u qaltlu sabiex igib it-tifla imma hu qalila li ma kienx se jaghmel dan u t-tifla ma kienietx se taraha aktar. Hija kompliet tghid li x'hin stqasietu fejn kienet qieghda t-tifla, huwa rrisponda li kienet qieghda ghand ohtu."*

Jirrizulta mill-provi illi wara li Michael Xuereb ha it-tifla minghand l-intimata kontra l-volonta' taghha, t-tifla Sophie-Anne bdiet toqghod fid-dar tar-rikorrent, Frank Xuereb, fejn hu kien joqghod flimkien mal-mara tieghu, u t-tifla nzammet hemm ghal diversi gimghat.

Jirrizulta wkoll mill-provi illi, wara li eventwalment it-tifla minuri Sophie-Anne Xuereb inghatat lura lill-intimata, ossija gimghat wara li ttiehdet minn Michael Xuereb kontra l-volonta' ta' l-intimata, kien sar tentattiv sabiex is-sitwazzjoni bejn l-intimata u Michael Xuereb jitrangaw u, di fatti, l-intimata kienet thalli lit-tarbija ghand l-istess rikorrenti, izda, sfortunatament, is-sitwazzjoni ma marrietx ghall-ahjar u eventwalment il-partijiet ghaddew biex jibdew proceduri ta' separazzjoni.

Jirrizulta illi, mument minnhom, wara illi t-tarbija regghet inghatat f'idejn l-intimata, Michael Xuereb kellu access ghat-tarbija, darba gewwa l-ufficini ta' l-Agenzija Appogg u darba gewwa d-dar tar-rikorrent.

Jirrizulta illi, mument minnhom, kien qed jigi kkunsidrat l-possibilta' illi jkun hemm access ghat-tifla barra l-Appogg u kien dak il-hin illi l-intimata, mistoqsija minn Ingrid Vassallo, Social Worker fi hdan l-Agenzija Appogg kif ukoll Leader tal-'Court Services', uriet l-opposizzjoni taghha illi r-rikorrent jara lit-tarbija Sophie-Anne Xuereb fid-dar tieghu.

Jirrizulta, skond l-istess Ingrid Vassallo, illi l-intimata kienet:

> *"... uriet it-thassib taghha dwar il-fatt illi l-access seta jsir ghand Frank Xuereb u hi qalet li ma ridietx li l-access isir ghand Frank Xuereb peress li kien hemm zmien meta l-istess Frank kien hadilha t-tifla Sophie."*

Jirrizulta, fix-xhieda ta' l-intimata, illi hija qatt ma allegat illi r-rikorrent kien serqilha t-tifla, izda li kien ir-ragel taghha, Michael Xuereb li kien ha it-tifla u li kienet inzammet fir-residenza ta' Frank Xuereb, fatt illi gie ikkonfermat anke minn Ingrid Vassallo fix-xhieda taghha tas-6 ta' Novembru 2014, illi kienet il-persuna li semghet dak li qalet l-intimata u kkomunikatu lir-rikorrenti, liema informazzjoni wasslet ghall-kawza odjerna.

Jirrizulta, infatti, illi eventwalment ir-rikorrent sar jaf bit-thassib ta' l-intimata, u ghalhekk nieda l-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, ma tistax ma tosservax illi l-aktar xhud importanti illi kellu jixhed fil-proceduri odjerni, ossija Michael David Xuereb, iben ir-rikorrent u r-ragel ta' l-intimata, qatt ma ttella quddiem dina l-Qorti, minkejja illi kien hu illi ha t-tifla minuri, Sophie Anne Xuereb minghand l-intimata kontra l-volonta' taghha u kien hu illi ha l-istess tifla ghand ir-rikorrenti sabiex izzommielu.

Mill-fatti kif fuq esposti, jidher car illi t-tarbija Sophie Anne Xuereb, meta kellha biss tlett gimghat, ittiehdet minn missierha, Michael Xuereb, kontra l-volonta' ta' l-intimata, tant illi ghamlet rapport il-Pulizija, u hadha ghand missieru, ossija ir-rikorrent. Jirrizulta ukoll illi r-rikorrent, flok ma' ha hsieb illi jara li t-tarbija ta' twelid tinghaqad lura ma' ommha mill-aktar fis possibbli, kif riedet l-istess intimata, zammha fid-dar tieghu ghal aktar minn tlett gimghat.

Ghalkemm ir-rikorrent jinsisti illi t-tarbija Sophie-Anne kienet ghandu bil-permess ta' l-intimata, il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni tiddubita il-verzjoni moghtija mill-intimata u kkorroborata mill-genituri taghha, fejn inghad illi r-rikorrent, ghal zmien, zamm it-tarbija ghandu kontra l-volonta' ta' l-intimata.

Ir-rikorrent jipprova jattaka tali allegazzjonijet billi jghid illi attwalment kienet l-intimata li kienet thalli it-tarbija ghandu u kien hemm ukoll okkazzjonijiet fejn l-intimata flimkien mat-tfal taghha, anke dawk mhux ta' Michael Xuereb, kienet tattendi ghall-attivitajiet festivi maghom.

Il-Qorti ma ghandha ebda raguni tiddubita tali fatti wkoll, peress illi kienet l-istess intimata illi kkonfermat li, **wara** illi eventwalment inghatat lura t-tarbija minghand ir-rikorrent, hija ppruvat tirranga l-affarjiet mar-ragel taghha, tifel ir-rikorrent, Michael Xuereb, u kienet kemm tattendi ghall attivitajiet maghhom kif ukoll tiehu t-tarbija ghand ir-rikorrent u thallieh maghhom, bil-ghan illi tipprova ssalva z-zwieg taghha. Tali sforz, madanakollu, ma wassal imkien, u xorta spiccaw jiggieldi fil-Qrati dwar it-tifla Sophie Anne Xuereb.

Ghal Qorti, ghalhekk, ma hemm ebda dubju illi, ghal diversi gimghat, r-rikorrenti zamm ghandu tarbija tat-twelid 'l boghod minn omma, ossija l-intimata, u dana kontra l-volonta' ta' l-istess intimata.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrent jibbaza l-azzjoni odjerna tieghu principalment fuq kliem ili ntqalulu minn terza persuna, ossija Ingrid Vassallo, illi kienet is-Social Worker inkarigata tiehu hsieb l-access illi t-tifel tieghu kellu ghat-tarbija Sophie-Anne Xuereb, fejn kien intqal illi l-intimata allegat li kien serqilha t-tifla.

Il-Qorti tosserva illi fix-xhieda taghha, Ingrid Vassallo qatt ma affermat li l-intimata qaltilha li r-rikorrent kien serqilha t-tifla, izda l-ewwel stqarret illi "*kien hadilha t-tifla Sophie*" (vid fol 26) imghad ri-affermat li kien Michael Xuereb illi kien hadilha t-tifla u li "*kellha concern*

*minhabba f'dak li kien gara fejn Michael u l-familja tieghu kienu hadu lill-Spohie minn ghandha.*" (vid fol 101)

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi huwa ferm plawsibbli li l-intimata uriet it-thassib serju taghha dwar il-fatt li r-rikorrent, li kien attwalment in-nannu tat-tarbija Sophie Anne u mhux il-missier, jinghata access ghat-tifla, kif kien qed jintalab, u dana peress illi qatt ma messu gara illi tarbija tat-twelid tinzamm 'l boghod minn ommha ghall tlett gimghat shah, kontra l-volonta' taghha. Ir-rikorrent, f'dana il-kaz, qieghed ibaghti l-konsegwenzi ta' l-azzjonijiet tieghu!

Ir-rikorrent jistqarr ukoll illi l-kliem u l-allegazzjonijiet illi ghamlet l-intimata fil-konfront tieghu, saru kemm lill-Ingrid Vassallo, kif ukoll lill terza persuna, illi kienet it-tifla ta' hu il-mara tar-rikorrent, ossija Luisa Attard. Il-Qorti, madanakollu, ma ghandha ebda raguni tiddubita l-insistenza da' parte ta' l-intimata illi ma kienx minnu li qalet xi kliem lill dina Attard, peress illi huwa aktar kredibbli li persuna, waqt li ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni, ma tiftahx qalbha ma' persuni li huma vicini hafna ghall-parti l-ohra milli, kif jallega r-rikorrent, tghid illi ir-ragel ta' oht missierha, jigifieri r-rikorrent, kien serqilha t-tifla.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti u mis-sottomissjoni tar-rikorrenti, illi l-azzjoni odjerna hija kawza civili naxxenti mir-reat kriminali kkontemplat fl-Artikolu 252 (1) tal-Kodici Kriminali.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Il-Pulizija v. Joseph Gauci** deciz fit-3 ta' Settembru 2001:

> *"... ma hemmx dubbju li l-ingurja kontemplata fl- Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali trid tkun maghmula bil-hsieb specifiku li dak li jkun inaqqas jew itellef il-gieh ta' haddiehor. Hi dottrina pacifika li meta l-kliem (jew atti, kitba, disinji, ecc.) ikunu manifestament ingurjuzi, tali intenzjoni specifika hi presunta, u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) li dawk il- kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltraggja, izda b'xi skop iehor rikonoxxut mil-ligi li jinnewtralizza l-animus injuriandi. Hekk, per ezempju, jekk il-kliem in kwistjoni jkunu ntqalu animus corrigendi, jew animus consulendi, jew animus jocandi ma jistax jinghad li hemm ir-reat kontemplat fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali (ghalkemm fil-kaz ta' kliem li jinghad animus jocandi jista' jkollok, fil-ligi taghna, l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e)). L-istess jista' jinghad jekk persuna tkun ragjonevolment tahseb li sar reat (kontriha jew fil-konfront ta' haddiehor) jew, anke jekk il-fatt ma jammontax ghal reat, jekk tkun ragjonevolment tahseb li qed issir xi haga li tista' tkun ta' hsara ghaliha jew ghal terzi, tista' tiddenunzja dak il-fatt lill-awtorita` kompetenti bla ma tinkorri fir-reat ta' ingurja. Kif gie mfisser mill-Qorti Kriminali fis- sentenza fil-kawza fl-ismijiet* ***Emmanuele Baldacchino v. Stella Abela et*** *(Appell Kriminali, 6 ta' Dicembru 1948):*
>
> > *... hu principju sancit mill-gurisprudenza illi jekk persuna, ghal ragunijiet tajba, tkun gustifikata illi tahseb ragjonevolment, u mhux bla motiv gust, illi haddiehor ghamel reat ghad-dannu taghha, u timputalu dan ir-reat, allura*

> *b'daqshekk ma hix soggetta ghal proceduri ghall-ingurja. Izda hi kondizzjoni, fost ohrajn, ta' l-applikabilita` ta' dan il- principju illi l-imputazzjoni ghandha ssir bl-anqas pubblicita` possibbli. Jekk, b'kumbinazzjoni, meta ssir l-imputazzjoni jkun hemm xi hadd prezenti, b'daqshekk il-privilegg ma jintilifx necessarjament,basta li jirrizulta li l-imputazzjoni ma gietx komunikata lil persuni ohra 'avvicinati bla bzonn' (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali)".*

Jirrizulta ampjament ippruvat mill-provi kollha kif mressqa illi r-rikorrent zamm ghandu ghal diversi gimghat it-tarbija tat-twelid ta' l-intimata, u dana wara illi ttiehdetilha kontra l-volonta' taghha, u ghalhekk l-intimata kellha kull dritt ragjonevoli tikkonkludi illi r-rikorrent kien ghamel reat fil-konfront taghha.

Jirrizulta wkoll ampjament ippruvat illi meta l-intimata kienet ghamlet referenza ghall-fatt illi t-tifla taghha kienet ittiehdet minghandha u kienet inzammet ghand ir-rikorrenti, hija kienet qieghda titkellem ma' social worker, illi xogholha kien illi jivverifika l-fatti tal-kaz dwar l-access tat-tarbija u jirrelata lura lill-Qorti tal-Familja dwar it-talba li kienet qed issir biex l-access isir ghand ir-rikorrent - ghalhekk kien ben gustifikat il-fatt illi l-intimata uriet it-thassib taghha lis-social worker Vassallo u kellha kull dritt tesprimi l-veduti taghha.

**Ikkunsidrat**

Dina l-Qorti, qabel ma' tghaddi ghal gudizzju, ma tistax ma tosservax illi dawna l-proceduri odjerna qatt ma messhom saru '*ab initio*'!

Filwaqt illi tifhem illi proceduri ta' separazzjoni jistghu jwasslu ghall divergenzi kbar bejn il-partijiet, kawza ta' libell dwar fatti illi ntqalu **waqt** procceduri ta' separazzjoni qatt ma messha saret, peress illi huwa tentattiv car da' parte tar-rikorrent sabiex ibezza lill-intimata u jimpediha milli tiggieled ghad-drittijiet taghha u tat-tfal taghha, partikolarment it-tarbija Sophie-Anne Xuereb, illi sfat il-vittma ta' sitwazzjon xejn felici u certament aggravata bil-hafna mill-azzjoni tar-rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha u semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** it-talbiet attrici kif dedotti

Spejjez tal-proceduti odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------